MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta ta' l-10 ta' April, 2013

Talba Numru. 446/2010

**Horace Fenech (I.D. 0345176M)**

**vs**

**Antoine Hili**

**It-Tribunal,**

**PRELIMINARI**

**Ra** li fl-Avviz l-attur qed jitlob li l-konvenut ihallsu l-ammont bilancjali ta' €1000 dwar xoghol ta' kostruzzjoni f'Bugibba.

**Ra** ir-Risposta formulata hekk:-

1. It-talba hi nfondata fil-fatt u fid-dritt
2. Il-konvenut ga hallas ghal kull xoghol li ghamel l-attur.

**PROVI**

1. **<u>Horace Fenech</u>**, qal li l-konvenut kien bennej u hu jnewwillu, speci ta' *handyman.* Ix-xoghol li dwaru qed jitlob hlas sar f'Bugibba f'Gunju 2009 u dam hames gimghat u l-*quantum* mitlub hu bilanc ta' somma akbar.

2. Ftehmu li jithallas €50 *per diem*, mit-Tnejn sal-Gimgha, "imbghad meta jispicca x-xoghol fuq sular, isir il-kejl u jithallsu 50:50 fuqu – b'dak imhallas jitqies bhala akkont."

3. Meta wasal il-waqt li jsir il-hlas, dam xi xahar jissaporti u wara talbu "bicca karta". Minflok, il-konvenut keccieh u dahhal iehor floku. Il-konvenut injora l-messaggi ghall-hlas li baghtlu bil-*mobile.* Il-konvenut kien kecca kwazi s-*subcontractors* kollha. Spicca jghid hekk:
Biex nispjega ruhi, precizament ix-xoghol kien ghal hamest elef ewro. Peress li jiena hdimt ghal hames gimghat bil-hamsin ewro kuljum u meta tqis nofs il-hamest elef ewro u tnehhi minnhom dak li jithallas minn qabel jibqa 'l fuq minn elf ewro, imma jien qed nitlob elf ewro preciz.

4. L-attur ipprezenta kopja ta' SMS (*a fol* 23) u kkonferma l-kontenut meta xehed fit-18 ta' Marzu 2011 (*a fol* 31/32). Fir-rigward hemm ix-xhieda ta' Damaris Aguis ta' Vodafone Malta Ltd *a fol* 25/26. L-attur hawn ippreciza n-numru tal-*mobile* in vista ta' xi zball meta xehed qabel.

5. In kontro-ezami l-attur qal li hu u l-konvenut kienu hbieb, qishom ahwa. L-ewwel qallu jmur jahdimlu xi tlieta, erbat ijiem u mbghad il-jiem twalu. Kien mar is-sid tal-fond li talab lill-konvenut jaghmillu s-sular ta' fuq. Billi l-konvenut ma setax jaghmlu wahdu hu qal lill-attur biex jaghmluh bi shab. Dak li kellu jiehu ghal kull jum minghand il-konvenut hadu, imma l-bilanc dovut kif minnu imfisser ma hadux.

6. Qabel intriga kif qal, kien staqsa lill-konvenut jekk is-sid kienx ihallas u l-konvenut urih cheque ta' €5000. Kienu anke vverifikaw li c-cheque jithallas.

7. Minn mal-konvenut spicca billi ma regax qabbdu. Ghalkemm kellu jtih aktar minn elf ewro, kien wasal fi ftehim li jtih elf biss. Kien semmielu xi haga flok il-flus izda ma jafx x'ried jghid biha.

8. Kull ftehim tieghu kien mal-konvenut. Ghalkemm lis-sid rah fuq il-post, ma kellmux fuq hlas. Minghand is-sid il-konvenut thallas, skond ma qal hu stess.

9. Il-konvenut **Antoine Hili** qal li hu kien bennej jahdem ghal rasu u lill-attur dahhlu mieghu bhala “manual labourer”. Dam mill-1 ta' Gunju sal-10 ta' Lulju 2009. Ftehmu fuq hlas ta' €50 f.g., jithallas fl-ahhar ta' kull gimgha. Wara xi 7 xhur baghtlu messagg li kellu jtih xi flus. Hawn hu ccekkja r-records tieghu u sab li l-attur kien thallas ta' dak li kellu jiehu.

10. Fuq il-mobile kien qallu li ma kellux itih. Dak il-messagg kien nehhieh minn fuq il-mobile. Dak li hemm fl-ewwel messagg fid-Dok *a fol* 23 m'ghandhux x'jaqsam mal-kaz tal-lum. Sata anke spjega ruhu hazin. Il-kelma “qaws” hi xi haga li tispara biha fuq target. (Nota tat-Tribunal: Fl-SMS imsemmi hemm hekk: “Horace flus bhalissa ma ghandix, kulma ghandi qaws, tridu.”)

11. Hu kien ihallas lil min iqabbad anka jekk ma kienx jithallas m'ghand min iqabbdu.

12. **Jean Claude Zahra** qal li bejn it-8 u l-10 ta' Lulju, kien kahhal mal-konvenut f'post Bugibba. Fuq ix-xoghol kien hemm ukoll l-attur. Fl-ahhar ta' Lulju il-konvenut hallas lilu u quddiemu hallas ukoll lil-attur. **Ma jafx x'kien il-ftehim ta' hlas bejn l-attur u l-konvenut.** L-attur kien jahdem hemm **qablu**; baqax warajh ma jafx.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

It-TRIBUNAL jikkonsidra hekk:-

1. Din hi storja mhiex insolita fejn wiehed jitlob li jithares ftehim **mhux miktub** liema talba tkun opposta mill-parti l-ohra li tichad l-ezistenza ta' tali ftehim. Ghalhekk il-kwistjoni ta' prova ta' dak allegat dejjem

tipprezenta diffikulta. Differenti l-kaz meta jkun hemm il-kitba ghax *scripta manent*. B'danakollu wiehed xorta jrid jezammina jekk l-attur, imqar fuq bazi ta' probabilita', ikunx wasal ghall-prova ta' dak minnu pretiz.

2. Hawn irridu noqghodu fuq ix-xhieda tal-kontendenti biss, forsi b'xi hag'ohra indikativa wkoll. Mill-bqija x-xhieda ta' Jean Claude Zahra, il-kahhal imsejjeh mill-konvenut ma twassalna mkien. Dan qal:

1. li l-attur kien fuq ix-xoghol qablu
2. hu dejjem thallas u ra wkoll lill-attur jigi mhallas bhalu mill-konvenut.

Li l-attur thallas dak li kellu jircievi fil-gimgha, kien ammess mill-attur sa mill-bidu nett. Dwar jekk kienx hemm xi shubija bejn il-kontendenti, ix-xhud ma jaf xejn. Anqas wiehed jistenna li dan ghandu jkun jaf. Dan ghal zewg ragunijiet:-

1. din kienet haga li tikkoncerna lill-kontendenti u hu kien estraneju ghalih.
2. meta ix-xhud dahal fix-xoghol sab lill-attur ga hemm u hu mistenni li ftehim ta' shubija jsir fil-bidu u mhux meta x-xoghol ikun ga *in corso.*

3. IT-TRIBUNAL li, kif presedut illum kellu l-opportunita` jisma liz-zewg kontendenti, ihoss li x-xhieda tal-attur hi rassikuranti u ta' min joqghod fuqha. L-SMSs li ssemmew, ghalkemm wahedhom biss mhux bizzejjed, fil-fehma tat-TRIBUNAL iservu biex imejlu l-keffa favur l-attur.

## **KONKLUZZJONIJIET**

Meqjus dak kollu kkunsidrat hawn fuq it-TRIBUNAL jiddeciedi billi:

1. **jichad** l-eccezzjonijiet tal-konvenut,
2. **jilqa** t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur il-*quantum* ta' elf ewro (€1000);
3. dan il-hlas irid isir sa tletin (30) jum mil-lum.
4. bl-imghax, jekk il-hlas ma jsirx, fiz-zmien imsemmi, mill-lum jum sal-jum tal-pagament effettiv u
5. **jikkundana** lill-konvenut ihallas l-ispejjez tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------